# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tad-29 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 5/2023 IS**

**GORDON'S MOTO DEALER LIMITED (C 31490)**

***VERSUS***

**DR. MARIO CARUANA MAĦTUR PERMEZZ TA' DIGRIET TA' NHAR L-1 TA' ĠUNJU 2023 BĦALA KURATUR DEPUTAT SABIEX JIRRAPPREŻENTA L-ASSENTI AHMED KOYES (I.D. 160315 (A))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2023 (a fol. 3), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta' tliet elef u tliet mija u seba' Ewro u tmienja u sittin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3,307.68) rappreżentanti l-bilanċ pendenti u dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi in konnessjoni mal-bejgħ lill-konvenut ta' mutur ta' l-għamla Voge u mudell 300R fid-9 ta' Ġunju 2021 kif ukoll l-imgħax mill-15 ta' Novembru 2021 u l-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċċjali datata 24 ta' Ottubru 2022 (Ref.: 2710/2022).

Ra illi s-soċjeta' attriċi ippreżentat rikors fis-6 ta' Jannar 2023 fejn infurmat lit-Tribunal illi l-konvenut Ahmed Koyes jidher li huwa assenti mill-Gżejjer Maltin (a fol. 15).

Ra illi fid-9 ta' Jannar 2023, dan it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikors tas-soċjeta' attriċi ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2023 (a fol. 12).

Ra illi Dr. Mario Caruana ġie maħtur bħala kuratur deputat nhar l-1 ta' Ġunju 2023 (a fol. 13).

Ra illi Dr. Mario Caruana bħala kuratur deputat ġie debitament notifikat fid-9 ta' Awwissu 2023 (a fol. 24).

Ra illi Dr. Mario Caruana bħala kuratur deputat ippreżenta r-risposta tiegħu fil-11 ta' Awwissu 2023 (a fol. 25).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar illi s-soċjeta' attriċi u l-konvenut Ahmed Koyes iffirmaw kuntratt bejniethom fejn Ahmed Koyes xtara mutur ta' l-għamla Voge u mudell 300R fid-9 ta' Ġunju 2021 u liema kopja tal-kuntratt tinsab a fol. 32.

Jidher ukoll illi tali ftehim hawnhekk imsemmi ma jidhirx iffirmat mis-soċjeta' attriċi u anqas mill-konvenut Ahmed Koyes, b'dan illi pero' Gordon Micallef, illi huwa d-direttur tas-soċjeta' attriċi ippreżenta affidavit f'dan ir-rigward fit-13 ta' Ottubru 2023, u li jinsab a fol. 30B. B'dan ukoll illi l-konvenut Ahmed Koyes seta' faċilment jagħmel il-kontro-eżami tal-imsemmi Gordon Micallef imma naqas milli jagħmel dan.

A bażi ta' dan l-imsemmi kuntratt, is-soċjeta' attriċi uriet lit-Tribunal anke l-ħlasijiet illi l-konvenut Ahmed Koyes wettaq a favur tas-soċjeta' attriċi b'dan illi juri illi s-soċjeta' attriċi ipprovdiet il-verżjoni bejn il-partijiet fit-totalita' tagħha u b'dan illi għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi ippruvat sal-grad rikjest mil-Liġi illi l-konvenut Ahmed Koyes verament huwa debitur tas-soċjeta' attriċi għas-somma ta' tliet elef u tliet mija u seba' Ewro u tmienja u sittin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3,307.68) rappreżentanti l-bilanċ pendenti u dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi in konnessjoni mal-bejgħ lill-konvenut ta' mutur ta' l-għamla Voge u mudell 300R fid-9 ta' Ġunju 2021.

Imgħax

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenut Ahmed Koyes lis-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mill-15 ta' Novembru 2021 u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. Tali data hija a bażi tal-kuntratt hawn fuq imsemmi u r-rendikont fir-rigward, fejn kopja tal-kuntratt bejn il-partijiet li tinsab a fol.32, illi turi illi l-konvenut Ahmed Koyes ħallas sa' Ottubru 2021 u kien iħallas kull ħmistax tax-xahar u tali data hija wkoll riflessa fit-talba tal-avviż ippreżentata mis-soċjeta' attriċi. B'dan ukoll illi *prima facie* l-imgħax ta' ħamsa fil-mija (5%) għandu japplika u dan skond Artikolu 1434 (a) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u b'dan ukoll pero' illi l-partijiet ftehmu skond il-kuntratt

liema kopja tiegħu tinsab a fol. 32 illi jkun applikabbli l-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) b'dan illi tali ftehim għandu jissostitwixxi dak li tipprovdi l-Liġi, u dan skond l-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan ukoll hekk kif il-Qrati tagħna ddiskutew b'mod ampju f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Patrick Cassar u Geraldine Cassar v. Dolores sive Doris Cefai u Nathalie Grech Cumbo***.[1]

<u>Spejjeż inkorsi mis-soċjeta' attriċi</u>

Is-soċjeta' attriċi ipprovdiet kopja tal-ittra uffiċċjali datata 24 ta' Ottubru 2022 (Ref.: 2710/2022) li tinsab a fol. 33 b'dan illi ma hemm ebda dubju illi tali ittra fil-fatt intbagħtet lill-konvenut Ahmed Koyes u illi huwa responsabbli għal tali spejjeż.

L-ispejjeż ġudizzjarji ikunu deċiżi fid-***Decide***.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-socjeta´ attriċi għall-ammont ta´ tliet elef u tliet mija u seba' Ewro u tmienja u sittin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3,307.68) rappreżentanti l-bilanċ pendenti u dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi in konnessjoni mal-bejgħ lill-konvenut ta' mutur ta' l-għamla Voge u mudell 300R fid-9 ta' Ġunju 2021 kif ukoll l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mill-15 ta' Novembru 2021 sad-data tal-ħlas effettiv u l-ispejjeż tal-ittra uffiċċjali datata 24 ta' Ottubru 2022 (Ref.: 2710/2022) u tikkundanna lill-konvenut Amhed Koyes (I.D. 160315 (A)) sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi dawn l-ammonti hawnhekk imsemmija.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut Ahmed Koyes (I.D. 160315 (A)).

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur

[1] 12 ta' Marzu 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 1276/2021